## HABAKUK

*Mhux il-lum ġie f'ras il-bniedem*
*Giri x-xwieni milbutin*
*Fl-ibħra kbar li donnhom vleġġa,*
*Bħar-riħ jiġru maħrubin.*

*L-ajruplan jiġri w jittajjar*
*Qabel Kristu bosta snin*
*Iżjed minn xi ħames mija*
*U madwar tlieta u ħamsin*

*Jiena rajt l-Abakuk fuqu,*
*Bl-akbar ħeffa qed itir;*
*Se'r inewwel lil Danjeli*
*Borma f'idu bit-tisjir,*

*Li kien Dan mixħut mad-driebes*
*Hiemda miegħu ġewwa foss;*
*U ħafif iżjed mill-ajkli*
*Qe'd jittajjar mingħajr ħoss,*

*Għal fuq l-art ta' Babilonja,*
*U minn hemm lura mar bih,*
*Minn fejn rikkbu w fl-ogħla sema,*
*Jaqta' w jofroq sħab u riħ.*

R. M. B.

---

## ~~IL-MADALENA~~

~~*Kien donnu l-lejl: fid-dalma l-art titriegħed*~~
~~*Bdiet tibża' tidher taħt il-baħħ tas-sema*~~
~~*Mgħottija w kerha, bis-sħab kbir li ngema'*~~
~~*Fi ftit tal-ħin: u beda l-ajru jriegħed.*~~

~~*In-nies imwerwra ħarset lejn id-dmija*~~
~~*Li kien hemm fl-art: u ġriet biex titlob ħniena*~~
~~*Fil-Maqdes Kbir, tistenna hemm ħosbiena*~~
~~*Li tgħaddi s-siegħa fuq kulħadd waħxija.*~~

~~*Waqa' skiet kbir fuq l-Għolja tal-Moħqrija*~~
~~*W ma kien hemm ħadd hlief, tibki kollha ndiema.*~~
~~*Il-Madalena, t-tfajla tas-sbuħija:*~~

~~*B'xagħarha sabiħ, tixxotta d-dmugħ tal-ħtija*~~
~~*F'talba minn qalbha lill-Mulej għas-sliema*~~
~~*U ħelsa mid-dnubiet kollha mgħoddija.*~~

~~A. Zammit Gabarretta.~~
~~(Student, Kors tal-Letteratura)~~